MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 22/2011

**Silvio Mifsud u Mary Farrugia**

**-vs-**

**Joseph Mifsud u Carmen Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-11 ta’ Jannar 2011 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

Illi omm u missier ir-rikorrenti u l-intimati, *ossia* Maria Anna Mifsud u Saviour *sive* Salvu Mifsud, mietu nhar is-sittax (16) ta’ Novembru tas-sena elfejn u ħamsa (2005) u nhar it-tletin (30) ta’ Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009) rispettivament Dok A u B rispettivament;

Illi dawn mietu t-tnejn intestati, hekk kif evidenzjat mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok C u Dok D konsistenti f'Dikjarazzjoni Kawża Mortis;

Illi għalhekk ir-rikorrenti Silvio Mifsud u Mary Farrugia, flimkiena ma' l-intimati Joseph u Carmen aħwa Mifsud, ilkoll ulied id-defunti, huma lkoll l-werrieta universali tagħhom, f'ishma ndaqs bejniethom;

Illi l-fond fl-indirizz 75(A), Triq Birżebbuġa, Birżebbuġa, u ħanut sottopost għal din l-istess dar, parti minn din l-istess bl-indirizz 75(B), Triq Birżebbuġa, Birżebbuġa, huwa proprjeta' tar-rikorrenti u l-intimati, b'mod indiviż bejniethom u f'ishma indaqs;

Illi l-esponenti ma jixtiequx jibqgħu jippossjedu l-proprjeta' li wirtu, konsistenti f'fond bl-indirizz 75(A) Triq Birżebbuġa, Birżebbuġa, u ħanut sottopost għal din l-istess dar, parti minn din l-istess bl-indirizz 75(B), Triq Birżebbuġa, Birżebbuġa in komunjoni flimkien ma' ħuthom l-intimati, u għalhekk jixtiequ li ssir il-qasma tal-istess proprjeta':

Illi din l-istess proprjeta' deskritta aktar 'il fuq, ma tistax tiġi komodament diviża, u għalhekk ir-rikorrenti ma jridux jibqgħu fi stat ta' ko-proprjeta':

Illi debitament interpellati permezz ta' Ittra Uffiċjali, sabiex jersqu għad-diviżjoni bonarja ta' l-istess wirt, l-intimati baqgħu inadepjenti (Dok E);

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li r-rikorrenti huma lkoll l-proprjetarji tal-fond in kwistjoni, in komunjoni mal-konvenuti;

2. Tordna l-bejgħ in liċitazzjoni tal-fondi, msemmija, *stante* li dan ma jistax jiġi komodament diviżibbli bejniethom;

3. *Occorrendo*, taħtar Perit u Nutar;

4. Tordna li r-rikavat tal-istess bejgħ, jinqasam b'mod ugwali bejn ir-rikorrenti u l-konvenuti u l-istess sehem mir-rikavat jiġi hekk assenjat lilhom;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati, li minn issa huma nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ġuramentata tal-konvenuti datata 25 ta' Frar 2011 li permezz tagħha ddikjaraw illi:

Huma qed jaderixxu ruħhom mit-talbiet kif dedotti u jistiednu lill-atturi sabiex flimkien magħhom jistmaw u jistabbilixxu prezz ġust li jirrifletti s-suq sabiex l-istess fond ikun jista' jitpogga fuq is-suq għall-bejgħ.

Rat id-digriet tal-4 ta' Marzu 2011 li permezz tiegħu ġie nominat l-A.I.C. Valerio Schembri. Rat ir-relazzjoni sussegwenti tal-istess espert debitament maħlufa;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tat-18 ta' Novembru 2011 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza wara li semgħet lill-istess espert tekniku in eskussjoni;

Ikkunsidrat;

Illi jidher ċar mir-relazzjoni tal-espert tekniku li l-fondi imsemmija fir-rikors mhumiex komodament diviżibbli u ġew stmati għas-somma ta' mija u ħamsa u sittin elf Euro (€165,000) u ħamsa u tletin elf Euro (€35,000) rispettivament.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tilqa' l-ewwel, it-tieni u r-raba' talbiet attriċi, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba billi mhijiex neċessarja u l-bejgħ in liċitazzjoni għandu jsir a bażi tal-istimi fuq imsemmija kif indikati fir-relazzjoni peritali.**

**L-ispejjeż kollha għandhom jinqasmu wkoll ugwalment bejn il-kontendenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------